MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 221/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi huma zzewgu f'Malta nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progessiv ta' disgha mija tnejn u tmenin tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (982/1997) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);

Illi minn dan iz-zwieg taghhom twieldet K fl-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996);

Illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood tal-20 ta’ Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001) (kopja tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B);

Illi ghaldaqstant ghaddew iktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li l-manteniment kif miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom dejjem thallas puntwalment;

Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Gunju, 2014;

Rat in-nota kongunta tar-rikorrenti li permezz taghha ipprezentaw l-affidavits taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-20 ta’ Frar 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------